

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)  
> [Kumpens](#) > [Talba Għall-Ħlas Tad-danni Mingħand Min Ikun Wettaq Ir-reat](#) > [Estonia](#)

# Talba għall-ħlas tad-danni mingħand min ikun wettaq ir-reat

Il-kontenut ipprovdut minn  
Estonja



Estonja

## Kif nista' nitlob kumpens għad-danni jew mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon mingħand trasgressur fi proċess (proċedimenti kriminali), u lil min għandi nindirizza din it-talba?

Inti għandek id-dritt li tippreżenta azzjoni ċivili għad-danni kontra l-imputat bħala parti mill-proċedimenti kriminali. Korp investigattiv jew l-uffiċċju tal-prosekutur irid jispjega lill-vittma l-proċedura sabiex titressaq azzjoni ċivili, ir-reqwiżit essenzjali għal azzjoni ċivili, l-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' azzjoni ċivili, u l-konsegwenzi jekk din l-iskadenza titħalla tinqabeż.

## F'liema punt fil-proċedimenti kriminali għandi nippreżenta talba?

Inti għandek id-dritt li tippreżenta azzjoni ċivili mhux aktar tard minn 10 ijiem wara li teżamina l-fajl kriminali. Huwa possibbli titlob lill-uffiċċju tal-prosekutur għal estensjoni ta' din l-iskadenza.

Jekk l-iskadenza tinqabeż, l-azzjoni ċivili tiġi ritornata, iżda f'dan il-każ inti tista' tippreżenta talba għall-kumpens quddiem qorti ċivili.

## X'nista' nitlob fit-talba u kif għandi nippreżentaha (nindika ammont totali u/jew nispeċifika t-telf individwali, il-profitti jew l-imgħaxijiet mitlufa)?

F'azzjoni ċivili, inti tista' tippreżenta talba li l-objettiv tagħha jkun li terġa' tistabbilixxi jew tirrimedja l-kundizzjoni ta' benesseri miksura bl-att li jiffirma s-suġġett tal-proċedimenti kriminali. Iċ-ċirkustanzi fattwali li fuqhom tkun ibbażata tali talba jridu jikkoinċidu b'mod sostanzjali mal-fatti tar-reat li jkun qiegħed jiġi ttrattat u jrid ikun possibbli wkoll li tali talba tinstema' fil-proċeduri ta' qorti ċivili.

Azzjoni ċivili trid titressaq bil-miktub u trid tagħti d-dettalji tar-rikorrent u tal-konvenut u tippreżenta t-talba espressa b'mod ċar tal-vittma u ċ-ċirkustanzi u l-evidenza fattwali li fuqhom tkun ibbażata t-talba tal-vittma. It-talba trid tkun kompluta (jiġifieri trid tinkludi l-ammonti tat-tipi kollha ta' dannu li għalihom il-vittma tkun qiegħda titlob kumpens). F'azzjoni għall-kumpens ta' dannu mhux materjali, l-ammont tal-kumpens mitlub jista' jitħalla mhux speċifikat u jista' jintalab kumpens ġust fid-diskrezzjoni tal-qorti.

Il-korp li jkun qiegħed imexxi l-proċedimenti jista' jistabbilixxi skadenza għall-eliminazzjoni tan-nuqqasijiet fl-azzjoni ċivili.

## Hemm xi formola speċifika għal dawn it-talbiet?

Ma ġiet stabbilita l-ebda azzjoni speċifika għall-azzjonijiet ċivili.

## X'evidenza rrid nippreżenta biex nappoġġa t-talba tiegħi?

Azzjoni ċivili trid tkun akkumpanjata minn prova tal-fatti li jiffurmaw il-bażi tat-talba tal-vittma u li l-vittma jkun beħsiebu jibbaża fuqhom irrispettivament mis-sett ta' evidenza ppreżentat mill-uffiċċju tal-prosekutur.

## Hemm xi tariffi tal-qorti jew spejjeż oħra marbuta mat-talba tiegħi?

Is-smiġħ ta' azzjoni ċivili fi proċedimenti kriminali huwa eżenti mit-tariffi Statali, bl-eċċezzjoni ta' azzjoni ċivili għall-kumpens ta' telf mhux finanzjarju, jekk it-talba għal dak il-kumpens tkun ibbażata fuq raġunijiet għajr l-ikkawżar tal-offiża fuq il-persuna jew disturb ieħor tas-saħħa jew il-mewt ta' fornitur.

Jekk l-azzjoni ċivili tiġi miċħuda, l-ispejjeż relatati mal-proċedimenti tal-azzjoni ċivili jew il-prova tat-talba fil-liġi pubblika jitħallsu mill-vittma. Jekk l-azzjoni ċivili tingħata b'mod parzjali, il-qorti taqşam l-ispejjeż relatati mal-proċedimenti tal-azzjoni ċivili bejn il-vittma, l-imputat u l-konvenut, wara li tqis iċ-ċirkustanzi kollha. Il-qorti tista' tiddeċiedi wkoll li l-ispejjeż tal-vittma relatati mal-proċedimenti tal-azzjoni ċivili għandhom jitħallsu b'mod sħiħ jew parzjali mill-vittma, jekk l-ordni ta' ħlas tal-ispejjeż mill-parti opposta tkun estremament inġusta jew mhux raġonevoli fir-rigward ta' din tal-aħħar.

Jekk il-qorti tirrifjuta li tisma' l-azzjoni ċivili minħabba sentenza ta' ħelsien mill-akkużi jew it-terminazzjoni tal-proċedimenti kriminali, l-ispejjeż relatati mal-proċedimenti tal-azzjoni ċivili jitħallsu mill-Istat. Jekk il-qorti tirrifjuta li tisma' l-azzjoni ċivili għal kwalunkwe raġuni oħra, il-qorti taqşam l-ispejjeż relatati mal-proċedimenti tal-azzjoni ċivili bejn il-vittma u l-Istat, wara li tqis iċ-ċirkustanzi kollha.

## Nista' nikseb għajjnuna legali qabel u/jew waqt il-proċedimenti? Nista' niksibha jekk ma ngħixx fil-pajjiż fejn isiru l-proċedimenti?

Inti tingħata għajjnuna legali mill-Istat jekk ikunu jeżistu r-raġunijiet previsti fl-Att dwar l-Għajjnuna Legali mill-Istat. Jekk il-qorti ssib li l-interessi essenzjali tiegħek jistgħu ma jkunux protetti b'mod suffiċjenti mingħajr l-assistenza ta' avukat, il-qorti tista', fuq inizjattiva proprja tagħha, tiddeċiedi li tagħtik għajjnuna legali mill-Istat fuq il-bażi ta' u skont il-proċedura prevista fl-Att dwar l-Għajjnuna Legali mill-Istat.

Persuna tista' tirċievi għajjnuna legali mill-Istat jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha fil-mument li tkun teħtieġ l-għajjnuna legali tkun tali li ma tkunx kapaċi tħallas għas-servizzi legali kompetenti jew li tkun kapaċi tħallas għas-servizzi legali biss b'mod parzjali jew f'pagamenti parzjali jew jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha ma tippermettilhiex li tissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi ta' sussistenza wara li tħallas għas-servizzi legali.

L-għajjnuna legali mill-Istat tingħata lil persuni li, fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajjnuna mill-Istat, ikollhom ir-residenza fir-Repubblika tal-Estonja jew fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew ikunu ċittadini tar-Repubblika tal-Estonja jew ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Persuni oħra jingħataw l-għajjnuna legali biss jekk din tirriżulta minn obbligu internazzjonali li jorbot lill-Estonja.

L-Att jistabbilixxi r-raġunijiet għar-rifjut tal-għoti ta' għajjnuna legali mill-Istat. Ma tingħatax għajjnuna legali mill-Istat jekk, pereżempju, l-applikant ikun jista' jipproteġi d-drittijiet tiegħu waħdu; jekk l-applikant ikollu proprjetà li tkun tista' tinbiegħ mingħajr diffikultà kbira biex tkopri l-ispejjeż tas-servizzi legali; u jekk l-ispejjeż tas-servizzi legali ma jkunux preżumibbilment aktar mid-doppju tal-introjtu medju ta' kull xahar tal-applikant, tnaqqas minnu t-taxxi u l-pagamenti tal-assigurazzjoni obligatorja, l-ammonti allokatu għall-issodisfar ta' obbligu ta' manteniment li jirriżulta mil-liġi kif ukoll spejjeż raġonevoli tal-akkomodazzjoni u tat-trasport. L-għajjnuna legali mill-Istat ma tingħatax lanqas jekk, fiċ-ċirkustanzi partikolari, ikun b'mod ċar mhux probabbli li l-applikant se jkun kapaċi jipproteġi d-drittijiet tiegħu; jekk l-applikazzjoni għall-għajjnuna legali mill-Istat issir sabiex tiġi ppreżentata talba għal telf mhux finanzjarju u ma jkunx hemm raġunijiet pubbliċi prevalenti fil-każ; jew jekk il-kisbiet possibbli għall-applikant mal-aġġudikazzjoni tal-każ ikunu żgħir b'mod mhux raġonevoli, meta mqabbla mal-ispejjeż tal-għajjnuna legali stmati tal-Istat.

L-għajjnuna legali mill-Istat tingħata abbażi tal-applikazzjoni tal-persuna. Jekk persuna tapplika għall-għajjnuna mill-Istat bħala vittma fi proċedimenti kriminali, l-għoti tal-għajjnuna legali mill-Istat lill-persuna jiġi deċiż mill-qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża jew, matul l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess ta' każ kriminali, il-qorti li jkun se jkollha l-ġurisdizzjoni biex tisma' l-każ kriminali.

L-applikazzjoni għall-għajjnuna legali mill-Istat trid tiġi ppreżentata bl-Estonjan, billi tintuża l-formola tal-applikazzjoni rilevanti. L-applikazzjoni tista' tiġi ppreżentata wkoll bl-Ingliż jekk l-għajjnuna legali tkun qiegħda titfittex minn persuna fiżika li jkollha r-residenza fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew li tkun ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

Persuna li tapplika għall-għajjnuna legali mill-Istat trid tehmeż mal-applikazzjoni tagħha dikjarazzjoni debitament esegwita u ffirmata tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant, u jekk ikun possibbli, evidenza oħra ta' din is-sitwazzjoni. Jekk ir-residenza ta' persuna ma tkunx fl-Estonja, mal-applikazzjoni tagħha hija trid tehmeż dikjarazzjoni dwar l-introjt tagħha u l-introjt tal-membri tal-familja tagħha matul l-aħħar tliet snin, maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' residenza tal-persuna. Jekk din id-dikjarazzjoni ma tkunx tista' tiġi ppreżentata għal raġunijiet indipendenti mill-applikant, l-għoti tal-għajjnuna legali mill-Istat jista' jiġi deċiż mingħajr id-dikjarazzjoni.

## Il-qorti kriminali meta tiddeċiedi li twarrab jew tirrifjuta li tiddeċiedi dwar it-talba tiegħi kontra t-trasgressur?

B'mod partikolari, qorti tista' tirrifjuta li tisma' azzjoni ċivili jekk l-azzjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti rilevanti, jekk il-proċedimenti kriminali jiġu tterminati, jew jekk tingħata sentenza ta' ħelsien mill-akkużi. Qorti tista' tirrifjuta wkoll li tisma' azzjoni ċivili jekk il-vittima jew il-konvenut ċivili ma jidhrux fis-seduta u l-każ ma jkunx jista' jinstitma' mingħajr il-preżenza tagħhom. Barra minn hekk, qorti tista' tirrifjuta li tisma' azzjoni ċivili jekk tingħata kundanna kriminali.

Azzjoni ċivili tiġi miċħuda jekk ma jkunx hemm raġunijiet sabiex tingħata.

## Nista' nappella kontra deċiżjoni bħal din jew infittex mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon?

Jekk il-qorti tirrifjuta li tisma' l-azzjoni ċivili tiegħek, inti tista' titlob id-danni f'qorti ċivili. Inti għandek id-dritt li tressaq appell kontra d-deċiżjoni tal-qorti tal-prim istanza quddiem qorti distrettwali.

## Jekk ningħata d-danni mill-qorti, kif niżgura li s-sentenza tiġi eżegwita kontra t-trasgressur u x'għajjnuna nista' ningħata sabiex niżgura dan?

Jekk it-trasgressur ikkundannat jonqos milli jħallas l-ammont mogħti bis-sentenza, inti għandek id-dritt li tirrikorri għand uffiċjal ġudizzjarju fuq il-bażi tas-sentenza, u l-uffiċjal ġudizzjarju jieħu ħsieb il-proċeduri ta' eżekuzzjoni.

---

L-aħħar aġġornament: 15/08/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhrux fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.